# IS-SNIN FIŻ-ŻMENIJIET IL-QODMA

Min jibda jaqra Ktieb il-Ġenesi jibqa' mgħaġġeb bil-ħajja twila li għâxu l-ewwel nies li għammru d-dinja. Adam għâx 930 sena; ibnu Set għâx 912 il-sena; Enos, bin Set, għâx 905 snin; u hekk ħafna oħrajn; ara Ġen. 5, 1-32. Aktar minn wieħed fiż-żmenijet il-qodma u fiż-żmenijiet tal-lum, beda jitħasseb jekk dawk is-snin kenux snin daqs is-snin tagħna, inkella snin ta' ftit jiem jew xhur. Fl-aħħar ħarġa ta' "*Il-Malti*", Diċembru, 1930, faċċ. 99 kiteb hekk T. Z.: "Naqraw li xi Patrijarki għaxu mijiet ta' snin; trid tara s-sena tagħhom kemm kienet twila. Matusaleħ, naqraw li għâx 969 sena, jekk dan kien igħodd is-snin, bi 28 jum, jiġi li għax 79 sena; Abram għâx 175 sena, bis-sena ta' 5 xhur jiġi li għax 72 sena. Ġakobb għâx 147, li jġibu 73 sena jekk is-sena kienet magħduda ta' sitt xhur". Jekk x'uħud għo-ġobhom dal-kliem, oħrajn sabu ruħhom imfixklin u mħabb-

lin aktar u aktar, għax ma jafux kif jaqbdu jqabblu dawk is-snin, issa qsar u issa twal, mas-snin tagħna. Għalhekk b'dil-ktiba ż-żgħira rrid insewwi xi fehma mgħawwġa li ħaslet trabbiet f'moħħ xi qarrej, u f'ħin wieħed neħles minn kull tfixkil lil min irid jaqra dawk il-ġrajja qodma.

Kemm-il-xahar kien fiha sena? u kemm-il-jum kien fih xahar? Fil-ktieb tiegħu Mosê bosta drabi jsemmi s-snin, sewwa fil-ġrajja ta' żmienu, sewwa fil-ġrajja taż-żmenijiet ta' qablu, iżda qatt ma jagħżel bejn snin u snin, qatt ma jgħid li s-snin ta' żmienu kienu itwal jew aqsar mis-snin ta' qablu. Hekk Mosê igħid li hu kellu 80 sena meta daħal quddiem Fargħun (Eż. 7, 7), bħalma jgħid ukoll li Ġużepp kellu 30 sena meta laħaq fuq l-Eġittu (Ġen. 41,46) u li Abraham kellu 100 sena meta twelidlu Iżakk (Ġen. 21,5). Mela Mosê għalih is-snin kollha daqs wieħed, sewwa s-snin ta' żmienu, sewwa s-snin tal-Patrijarki.

Is-sena tal-lhud kienet imqassma f'xhur; u x-xhur kienu jimxu mal-qamar, jiġifieri, kull xahar kellu tmienja u għoxrin jum u ftit siegħat. Kull xahar kien jibda malli jġedded il-qamar. U s-sena kienet timxi max-xemx, tibda u tispiċċa dejjem ħabta waħda. Naqraw fi Ktieb l-Eżodu 23,16 li meta jinġabru l-aħħar għalejjel tar-raba', is-sena tkun qrib ittmiem tagħha. Id-dawrien tax-xemx kien inewweb ix-xogħlijiet tar-raba'; u max-xogħlijiet tar-raba' kienu jimxu s-snin. Mela s-sena tal-lhud kienet timxi mal-qamar u max-xemx; il-qamar imexxi x-xhur, u x-xemx tmexxi s-snin. Issa dawra sħiħa tax-xemx tiegħu 365 jum u xi sigħat, u dawra tal-qamar tiegħu 28 jum u xi sigħat. Mela s-sena lhudija kien fiha tnax-il-xahar u ftit jiem. Dawn il-ftit jiem żejda ma kenux jingħaddu mas-sena l-qadima, iżda mas-sena l-ġdida, għax is-sena dejjem tibda mal-qamar il-ġdid. Minn sena għall-oħra dawn il-jiem dejjem jiżdiedu, imma meta jlaħħqu tmienja u għoxrin jum, imorru mas-sena li tkun sa tagħlaq li, b'din iż-żjieda, jiġi jkollha tlettax-il-xahar. B'hekk il-lhud qatt ma jiġrilhom dak li jiġri lill-misilmin, li s-sena tagħhom issa tibda fix-xitwa u mbagħad dejjem terġa' l-ura u tibda issa fil-ħarifa, issa fis-sajf, issa fir-rebbiegħa, sa kemm, wara xi tletin sena, terġa' tibda fix-xitwa. Il-ġrajja tal-lhud juruna bid-dieher li s-sena kienet dejjem imqassma fi tnax-il-xahar, għax isemmu x-xhur kollha: l-ewwel, it-tieni, it-tielet.... sat-tnax. Inbagħad fiż-żmien li damu tturufnati, semmew il-lhud ix-xhur tagħhom bl-ismijiet li kienu tawhom, mijiet ta' snin qabel, il-Babelin. Minn dan naraw li l-Babelin ukoll kienu jqassmu s-sena fi tnax-il-xahar.

Jekk kull ma għidna 's'issa juri d-dewmien u t-taqsim tas-sena u tax-xhur minn żmien Mosê l-quddiem, għandna prova oħra qawwija li hekk ukoll kienet imqassma s-sena fi żmenijiet wisq eqdem minn Mosê. Huwa u jitħaddet fuq id-dilluvju jgħid Mosê li d-dilluvju beda fis-sena sitt mija ta' ħajjet Noê, fit-tieni xahar, fis-sbatax tax-xahar (Ġen. 7,11) u ħareġ Noê mill-arka fis-sena sitt mija u wieħed tal-ħajja tiegħu, fit-tieni xahar, fis-sebgħa u għoxrin tax-xahar (Ġen. 8, 13, 14). Mela mindu beda d-dilluvju sa ma ħareġ Noê mill-arka għaddiet sena u għaxart ijiem. U kemm kienet twila dik is-sena? Għalkemm ma nistgħux ingħidu bir-reqqa kollha kemm-il-jum kien fiha dik is-sena, nistgħu ngħidu bla ebda biża' li kienet sena bejn wieħed u ieħor daqs is-sena tagħna u mhux sena ta' ftit xhur jew ta' ftit jiem. U araw kemm hu hekk: Beda d-dilluvju fis-sbatax tat-tieni xahar, u fis-sbatax tas-seba' xahar (Ġen. 8, 4) jiġifieri wara ħames xhur sewwa l-arka waqfet fuq l-iġbla Ararat. U dawn il-ħames xhur kien fihom 150 jum (1) (Ġen. 8, 3). Għaddew xahrejn oħra u biċċa, u fl-ewwel tal-għaxar xahar l-ilma kien naqas u bdew jidhru rjus l-iġbla, (Ġen. 8, 5). Mela s'issa għaddew seba' xhur u biċċa. Mindu bdew jidhru rjus l-iġbla sa ma nixef l-ilma minn fuq l-art għaddew tlett xhur (Ġen. 8,13) u wara xahar ieħor u sebgħa u għoxrin jum (Ġen. 8,14) ħareġ Noê mill-arka. Mela Noê dâm fl-arka tnax-il-xahar u għaxart ijiem. Jekk irridu nidħlu fl-irqaqat, niltaqgħu mat-twegħir għax anqas l-għorrief ma jaqblu f'kollox bejniethom, iżda kull ma għidna jidhirli li hu biżżejjed biex juri li s-sena tad-dilluvju ma kenitx sena ta' ftit jiem jew ta' ftit xhur, imma sena jew daqs tagħna jew ftit anqas minn tagħna. U kull ma kiteb Mosê fuq id-dilluvju aktarx li ħadu minn xi kotba oħra bil-bosta eqdem minnu, u għalhekk nistgħu ngħidu li minn żmien twil qabel Mosê s-sena kienet imqassma fi tnax-il-xahar.

Jekk xi ħadd irid iżomm ma' T. Z. fuq is-snin tal-Patrijarki jsib ruħu, bla ma jintebaħ, maqbud fi twegħir u f'taħbil li ma jistâx jeħles minnu. Ara: Kien se' jagħlaq Abraham mitt sena meta wiegħdu Alla li għad ikollu tifel. Stagħġeb Abraham u qal: Xiħ bħali jista' jkollu t-tfal? Issa jekk ngħoddu s-snin ta' Abraham b'ħames xhur il-waħda, bħalma jaħseb T. Z., Abraham jiġi kellu wieħed u erbgħin sena magħluqa. U ta' 41 sena seta' jgħid li hu xiħ? kellu għalfejn

(1) Għalhekk x'uħud jaħsbu li dak iż-żmien ix-xhur tal-lhud kellhom tletin jum il-wieħed. Iżda fiż-żmenijiet ta' wara x-xhur kienu jimxu mal-qamar, u dan ma jista' jmerih ħadd.

jeħodha bi kbira li għad ikollu tifel? (Gen. 17, 17). Iżjed: Abraham kien xiħ u mdaħħal fiż-żmien meta żewweġ lil ibnu Iżakk (Ġen. 24,1); nafu wkoll li ż-żwieġ sar ftit wara l-mewt ta' Sara, omm Iżakk (Ġen. 24 67). Issa Sara mietet ta' 127 sena (Ġen. 23, 1.-2.), u kienet għaxarsnin iżgħar minn Abraham, żewġha (Ġen. 17, 17. 18). Mela Abraham, meta żżewweġ Iżakk kellu ftit iżjed minn 137 sena li jġibu 57 sena, b'ħames xhur is-sena. U ta'57 jew 58 sena kien xiħ imdaħħal fiż-żmien? Hekk naraw li l-istorja ta' dawk. iż-żmenijiet il-qodma aktar titgħaqqad u titħabbel jekk is snin inqassruhom għal ftit xhur biss. Tarġa': il-Patrijarki Matusaleħ u dawk li msemmijin qablu (Ġen. 5, 1-27) kollha għâxu fuq 900 sena, barra minn Mahalalel li għâx 895. Jekk dawn is-snin kienu ta' 28 jum il-wieħed, jiġi li kellhom fuq 70 sena meta mietu. S'hawn kollox sewwa. Iżda naqraw ukoll li x'uħud minn dawn il-Patrijarki kellhom it-tfal meta kellhom 90 sena, jew 70, jew 65. Issa jekk dawn is-snin inqisuhom bl-istess qjes ta' sena = 28 jum, ikollna ngħidu li dawk ir-rġiel tweldulhom it-tfal meta kien għadhom ta' 7 snin jew ta' 5 snin. Neħilsu mill-miżieb u naqgħu taħt il-qattara.

Mela s-snin tal-ħajja tal-Patrijarki kienu snin bħal tagħna, snin ta' tnax il-xahar. U kif jista' jkun li dawk in-nies għaxu ħajja daqshekk twila? Fuq dil-ħaġa ħabbtu rashom bosta għorrief, u min qal ħaġa u min qal oħra. Hemm min igħid li dawk in-nûmri huma xi ftit mittiefsa, u għalhekk mhux ta' min joqgħod fuqhom; oħrajn jaħsbu li dawk l-ismijiet (Matusaleħ u l-oħrajn) mhumiex ismijiet ta' raġel, raġel, iżda ismijiet ta' ġnus sħaħ. L-aħjar li ngħidu hu li f'dawk l-ewwel żmenijiet tad-dinja is-saħħa tal-ġisem kienet għadha fl-aħjar tagħha, bla ebda taħsir; għalhekk dawk l-ewwel nies setgħu jgħixu ħajja wisq aktar twila minn nies ta' wrajhom. B'daqshekk it-trîq mhix magħluqa għal min irid jibqa' jfittex u jifli fuq dawk iż-żmenijiet, iżda għandu jżomm dejjem quddiem għajnejh li Mosê, huwa u jikteb dawk il-ġrajja mijiet ta' snin eqdem minnu, kellu d-dawl tas-sema biex jikteb kollox sewwa. U jekk ma nistgħux insibu tarf ta' dawk il-mijiet ta' snin, ngħidu bħalma kien igħid il-għaref S. Wistin: "Jekk fil-Kotba Mqaddsa nsib xi ħaġa, li donnha ma taqbelx mas-sewwa, ma nistħix nistqarr li jien dik il-ħaġa ma nistâx nifhimha; iżda ma ngħid qatt li hi miktuba ħażin".

**Sajdun.**